***KIF KIEN JARA SAN GORG PRECA LIL KRISTU GESU'.***

Kristu kien ragel twil, wiccu ta' zaghzugh, la maghlub, lanqas smin, kulur ismar bajdani, mohhu gholi, ghajnejh suwed u dejjem baxxi lejn l-art. Kien sabih, kif kien jixraq lill-Iben t'Alla maghmul Bniedem, bla ebda difett f'gismu. Xaghru twil la Nazzarena, kulur qastni bhall-baffi u l-mustacci tieghu.

Il-mixja tieghu kienet devota u ppawsata, jigifieri ma kienx jimxi jghaggel. Il-harsa tieghu kienet gravi u serja, b'mod li l-pajzani tieghu rawh jibki, izda qatt jidhak. Il-vuci tieghu soda u cara skond ic-cirkustanzi helwa jew ta' qilla. Meta kien joqghod bil-qieghda, kien jispira maesta' bil-pozizzjoni decenti tieghu. Fommu sieket, kliemu taghlim, farag, twiddib jew korrezjoni, theddid kontra l-faccoli. Kien jaf jaqra u jikteb minghajr ma kellu min jghallmu. Kien jigbed in-nies lejh minhabba fil-mirakli, u fl-gherf tieghu, u fit-temperamenti tieghu kalm u kwiet.



Ma kien jirrigetta u lanqas ikecci 'l boghod minnu lil min kien javvicinah. Kien juri affezzjoni lejn kulhadd, li izda lejn il-baxxi, lejn iz-zghar u lejn l-injoranti kien juri preferenza ta' hbiberija. Ma kienx jinxtara dwar il-gustizzja u dwar il-verita' b'ebda tifhir, b'ebda rigal, b'ebda mod iehor. Kien kuragguz ghal kull persekuzzjoni. Kien ta' rettitudni kbira, ma kien juri li jibza minn ebda bniedem potenti. Ma' dawk li kienu jittrattaw mieghu, ta spiss kien izzomm dixxiplina, daqqa bil-hlewwa u daqqa bil-virga. La kien jimpurtah minn unuri u lanqas minn disprezzi, kien juri ghaxqa meta mieghu kienu jduru n-nies biex jisimghuh. Qatt ma kien jghallem xejn bla ma jsahhah bl-ezempju l-kelma tieghu.

L-gherf tieghu mixhud mill-pacenzja tieghu kien jghaggeb l-aqwa dutturi tal-ligi.

Ghad-doni tieghu kien mizmum b'oggett ta' ghira u b'danakollu kien juza maghhom moghdrija. Kienet tider fih mira wahda u din lejn Alla li lejh kien juri venerazzjoni kbira, u herqa ghall-ligi tieghu, u difensjoni ghall-gieh divin. Kien jidher fih spirtu ta' sagrificcju, ta' mhabba, u ta' umiljazzjoni b'mibeghda kbira lejn is-sentimenti tas-suppervja. Bin-nhar fost il-folol tan-nies li kienu jfittxuh ghall-gid taghhom, tant spiritwali kemm ukoll temporali.

Kien ihobb tant 'l ommu, mara armla, li mis-salib waqt mewtu rrikkmandaha lil wiehed mill-appostli tieghu biex jiehu hsiebha.